MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH CASSAR**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2006

Rikors Numru. 16/2001/1

Rikors Nru: 16/01

Kummissarju ta' l-Art

vs

Antonia Lautier ghall-utile dominju u b'digriet tad-9 ta' Frar, 2004 l-atti gew trasfuzi f'isem Mary Anne mart John Pace bhala prelegatorja ta' Antoine Lautier li giet nieqsa fil-mori tar-rikors

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti Kummissarju ta' l-Artijietipprezentat fit-8 ta' Mejju, 2001 fejn espona:

Illi l-intimata giet notifikata b'Avviz ghall-Ftehim datat 4 ta' April, 2001 fejn giet infurmata li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala frank u liberu ta' l-Utile Dominju tal-fond 189 fi Triq il-

Wied, li kien jikkonsisti f'zewt ikmamar, bitha u toilet fuq il-livell terran u zewgt ikmamar ohra fuq l-ewwel sular, fl-Imsida; huwa ta' sbatax-il elf, disa' mija u erbgha u sebghin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm17,974.80) kif jidher mir-rapport tal-Perit Carmen V Sutton A&CE tas-6 ta' Marzu, 2001 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tat-18 ta' April, 2001, l-intimata fost affarijiet ohra tiddikjara li ma taccettax il-kumpens offert u titlob li dan il-kumpens ghandu jkun ta' tletin elf lira (Lm30,000.00).

Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimata biex tittrasferixxi favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala frank u liberu l-fond fuq imsemmi, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun qed jagixxi minn floku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88).

Ra li l-intimata pprezentat ir-risposta taghha fit-23 ta' Mejju, 2001 fejn esponiet:

Illi l-kumpens ta' sbatax-il elf, disa' mija u erbgha u sebghin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm17.974.80,0) offert mir-rikorrenti ghall-esproprijazzjoni tal-fond numru 189 fi Triq il-Wied, l-Imsida li kien jikkonsisti f'zewgt ikmamar, bitha u toilet fil-pjan terran, u zewgt ikmamar ohra fuq l-ewwel sulur, huwa baxx u ma jistax jigi accettat.

Illi l-esponenti intimata jidhrilha illi l-kumpens xieraq ghandu jkun ta' mhux anqas minn tletin elf lira Maltin (Lm30,000).

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbal tal-14 ta' Lulju, 2005.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet li ddiskuta mal-periti minnu mahtura fit-13 ta' Gunju, 2003 u li kienu ghamlu access fis-16 ta' Novembru, 2001.

Jilqa' t-talba tar-rikorrent u jordna lill-intimati jittrasferixxu favur tieghu b'titolu ta' xiri assolut bhala frank u liberu ta' l-Utile Dominju tal-fond 189 fi Triq il-Wied, skond pjanta mehmuza ma' l-avviz ghall-Ftehim bil-kumpens ta' dsatax-il elf u seba' mitt lira (Lm19,700) skond ir-relazzjoni tal-periti li ghandha taghmel parti shiha minn din ir-relazzjoni.

Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli bhala n-Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-nutar li jkun qed jaghmilha floku bhala n-nutar tar-rikorrent biex jippubblika fl-ufficju tar-rikorrent fit-13 ta' Settembru 2006 fid-9:00a.m. u jahtar lid-Dottoressa Daniela Mangion sabiex tidher fuq l-att ghall-kontumaci; r-rikorrent ghandu jgharraf lill-kuratrici bid-data u hin tal-kuntratt; l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita' kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------